*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,316, 17 ta' Diċembru, 2019*

*Taqsima B*

**A.L. 337 tal-2019**

# ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

## Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Petroleum* fis-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art, l-Ibbottiljar tal-LPG u l-Faċilitajiet tal-Ħżin Primarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Petroleum* fis-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art, l-Ibbottiljar tal-LPG u l-Faċilitajiet tal-Ħżin Primarji, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-*Petroleum* fis-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art, l-Ibbottiljar tal-LPG u l-Faċilitajiet tal-Ħżin Primarji, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 545.17.

Jemenda r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fis-subregolament (1) tar-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Iżda aktar, il-kontenut tal-enerġija kontribwit minn *biofuels* prodotti minn skart, residwi, materjal ċellulożu mhux mill-ikel u materjal mill-injam ċellulożu" għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"L.S. 545.28.

Iżda wkoll, il-kontenut tal-enerġija kontribwit minn *biofuels* prodotti minn materja prima elenkati fit-Taqsima H u t-Taqsima I tal-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibilità tal-Bijokarburanti".

Jissostitwixxi s-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**3.** Is-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

B 2432

"IS-SITT SKEDA
[Regolament 33(1)]

| Sena | Kontentut minimu ta' *biofuel* espress bħala ammont ta' perċentwal (%) li għandu jiġi rilaxxat għall-konsum fis-suq fuq l-art mill-importatur tal-petrol MSA EN 228 u, jew *diesel* MSA EN 590 kkalkulat skont il-metodoloġija f'din l-Iskeda |
|---|---|
| 2018 | 8.5% |
| 2019 | 9.5% |
| 2020 | 10% |

L-ammonti minimi ta' *biofuel* espressi bħala ammont f'perċentwal (%) li għandhom jiġu rilaxxati għall-konsum fis-suq fuq l-art imħallat minn qabel mal-petrol MSA EN 228 u, jew mad-*diesel* MSA EN 590, u kkalkulat skont il-kontenut tal-enerġija għandu jkun:

$$\left[\frac{\text{Kontenut tal-enerġija tal-}biofuel\ (^{*})}{\text{Kontenut tal-enerġija tal-}biofuel(^{**}) + \text{Kontenut tal-enerġija tal-}petroleum\ \text{(MSA EN 228 \& MSA EN 590)}}\right] \times 100\%$$

Fejn:

($^{+}$) Kontenut tal-enerġija ta' *biofuels* prodotti minn materja prima elenkati fit-Taqsima H u t-Taqsima I tal-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibilità tal-Bijokarburanti għandu jitqies bħala d-doppju tal-kontenut tal-enerġija minn *biofuels* oħrajn.

($^{++}$) Kontenut tal-enerġija tal-*biofuel* għandu jingħadd darba irrispettivament mill-materja prima.

U li minnhom 0.1 punti perċentwali (%) fil-kontenut tal-enerġija tas-sehem tal-enerġija f'karburant rilaxxat fis-suq fuq l-art mill-importatur tal-petrol MSA EN 228 u, jew *diesel* MSA EN 590, għas-sena 2020, għandu jiġi sodisfatt minn *biofuels* prodotti minn materja prima elenkati fit-Taqsima H tal-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Il-Kriterji ta' Sostenibilità tal-Bijokarburanti u li għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

$$\left[\frac{\text{Kontenut tal-enerġija tal-}biofuel\ \text{prodott minn materja prima elenkata fit-Taqsima H tal-Iskeda tar-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibilità tal-Bijokarburanti } (^{+})}{\text{Kontenut tal-enerġija tal-}biofuel\ (^{++}) + \text{Kontenut tal-enerġija tal-}petroleum\ \text{(MSA EN 228 \& MSA EN 590)}}\right] \times 100\%$$

Fejn:

(+) Kontenut tal-enerġija tal-*biofuels* prodotti minn materja prima elenkati fit-Taqsima H tal-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibilità tal-Bijokarburanti għandu jitqies bħala d-doppju fil-kontenut tal-enerġija.

(++) Kontenut tal-enerġija tal-*biofuels* għandu jingħadd darba irrispettivament mill-materja prima.